MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 442/2003

**Anthony Pandolfino**

**Vs**

**Alfred Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Frar 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ disa` mitt Lira Maltin (Lm900.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes;

Ra r-risposta tal-konvenut tal-21 ta’ April 2003;

Ra x-xhieda ta’ l-attur Anthony Pandolfino u d-dokumenti minnu pprezentati fis-seduta tat-22 ta’ Settembru 2003 u fis-16 ta’ Dicembru 2003.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Zammit u d-dokumenti minnu esebiti u kif ukoll ix-xhieda ta’ Emanuel Martin, it-tnejn moghtija fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2003;

Ra x-xhieda tal-konvenut Alfred Mallia moghtija fis-16 ta’ Dicembru 2003;

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Frar 2004 fejn il-partijiet qablu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

It-Tribunal ikkunsidra :

(a) Illi ghat-talba ghall-hlas tas-somma ta’ Lm900 pretiza mill-attur rappresentanti pagament allegatament dovut mill-konvenut in konessjoni mal-uzu / koncessjoni ta stalel taz-zwiemel f’Pembroke skond ftehim bejn il-partijiet, il-konvenut wiegeb illi l-attur ma ghandu l-ebda titolu fuq l-istalel in kwistjoni.

(b) Illi r-relazzjoni giuridika bejn il-kontendenti hija regolata b’zewg ftehim, l-ewwel wiehed datat 8 ta’ Settembru 2001 (DOK AP1) u l-iehor 14 ta’ Settembru 2001 (DOK AP2), u t-Tribunal jifhem illi t-tieni wiehed ghandu jitqies illi jissupera l-ftehim ta’ qabel u dak l-ahhar datat huwa l-ftehim li in effetti jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet. F’dan is-sens ukoll jittiehed kont ta’ dak li stqarr il-konvenut meta qal illi huwa ma jafx jaqra u ghalhekk ried illi dak li kienu ftehmu fl-ewwel istanza (8 ta’ Settembru 2002) bi ftehim miktub minn familjari ta’ l-attur, kellu jsir quddiem Avukat u di fatti kien sar hekk quddiem l-Avukat ta’ l-attur stess. Ighid ukoll illi kienu ftehmu illi l-ewwel ftehim setghu iqattugh u fil-fatt huwa hekk kien ghamel.[1] Dan huwa korrobarat minn naha ta’ l-attur li jghid illi l-ewwel ftehim sar bejniethom izda t-tieni wiehed sar quddiem Avukat “biex ighamilulna aktar ufficjali”[2]

[1] Fol 47
[2] Fol 13

(c) Illi l-attur ighid illi meta ghamel il-ftehim mal-konvenut, hu kien informa lill-konvenut bil-problemi li kellu mad-Dipartiment ta' l-Artijiet u "ghalhekk il-ftehim ma kienx jirrigwarda biss il-hlas ta' xi kera izda biss kien jirrigwarda l-uzu taz-zwiemel u ta' l-equipment" [3].

(d) Illi il-konvenut minn naha l-ohra jichad illi huwa kien mgharraf b'dan il-problemi mal-iffirmar tal-fehim u jghid illi l-ftehim li ghamel ma l-attur "qatt ma dahal fis-sehh u cioe` minn dak li konna ftehmna l-attur ma kien tani xejn u ghalhekk jiena bdejt nippretendi illi jtini Lm900 li tajtu lura".[4]

(e) Illi it-Tribunal pero` jinnota illi la saret kontro-talba ghar-rifuzjoni tad-disa' mitt Lira Maltin (Lm900) u lanqas ma ngiebet xi prova ohra illi gew inizjalati proceduri legali kontra l-attur sabiex dan jirrifondi s-somma msemmija.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment :

Illi filwaqt illi bl-Avviz l-attur jitlob il-hlas tas-somma hemmhek msemmija bhala "in konessjoni mal-uzu / koncessjoni tal-Pandy's Stables skond ftehim milhuq bejn il-partijiet", l-unika eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija illi l-ammont mitlub mhux dovut stante illi l-attur ma ghandu ebda titolu fuq l-istalel in kwistjoni.

Illi l-KAP 380[5] jispecifika car u tond illi :
*It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma` u jaqta` biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt Lira[6].*
Di piu` l-istess ligi tghid illi *"kawzi li jindahlu fihom kwistjonijiet dwar proprjeta` ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad illi t-talba ma tkunx tiskorri l-elf u hames mitt Lira, u kawzi ta'*

[3] Fol 43
[4] Fol 46
[5] Att dwar tribunal ghal Talbiet Zghar
[6] Artiklu 3 (2)
[7] Artiklu 3 (5)

*zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal"*[7].

It-Tribunal ihoss illi l-ligi hija ghalhekk cara bizzejjed u ma jhossx illi allura ghandu jissindika l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar jekk hux minnu jew le illi meta sar il-ftehim tal-14 ta' Settembru 2001, l-attur kellux titolu jew le fuq l-art in kwistjoni, inkluz l-istables.

It-Tribunal irid pero` jirrileva illi ma ngiebet ebda prova quddiemu illi hemm xi proceduri giudizzjarji sabiex jigi impunjat il-ftehim hawn fuq imsemmi.

Koncess illi l-ftehim li sar bejn il-kontendenti huwa wiehed ta' lokazzjoni, it-Tribunal josserva illi ma ngiebet ebda prova illi l-kerrej (allura l-konvenut) uzufruixxa ruhu minn xi dritt spettanti lilu bil-Kodici Civili a bazi ta' l-allegazzjonijiet tieghu illi l-attur ma kellux titolu validu fil-ligi, la biex jimpugna l-istess ftehim u anqas biex jirkupra xi kera li seta' lehaq hallas.

It-Tribunal ghalhekk ma jistghax jghaddi biex jilqa' l-unika eccezzjoni moghtija mill-konvenut u mill-provi prodotti jista' biss ighaddi sabiex jilqa' t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba atturi tinsab sodisfatament ippruvata, t-Tribunal, b'ekwita' u wara illi ha konjizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti, jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jilqa' t-talbiet atturi billi jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mitt Lira Maltin (Lm900) ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz, bl-ispejjes kontra l-istess konvenut u bl-imghax kif mitluba fl-istess Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------